MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 144/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Carmel Galea talli b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Lulju 2009, Awissu 2009, Settembru 2009 u Ottubru 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Frangiska Galea u/jew lil uliedhom is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond

dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Marzu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l- artikoli 18 u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi Carmel Galea hati u kkundannatu xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmel Galea pprezentat fis-26 ta' Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar ghal kollox is-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-Qorti Civili ordnat li l-manteniment kellu jitnaqqas mill-paga ta' l-appellant, izda galadarba m'ghadux fl-impjieg mal-Gvern u l-manteniment ma setax aktar jitnaqqas, l-ordni tal-Qorti li fuqu mart l-appellant ibbazat it-talba taghha m'ghadux legalment applikabbli; (2) li, minghajr pregudizzju, il-piena hi sproporzjonata.

Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellant jghid illi l-Qorti Civili kienet waslet ghac-cifra minnha stabbilita bhala manteniment wara li qieset diversi cirkostanzi, fosthom id-dhul mill-impjieg ta' l-appellant mal-Gvern. Fid-digriet hemm fil-fatt ordnat li l-manteniment kellu jitnaqqas direttament mill-paga. Peress illi l-appellant ma baqax fl-impjieg u kwindi l-manteniment ma setax jitnaqqas mill-paga ghax ma kellux paga, isegwi li l-ordni relattiv mhux aktar legalment applikabbli peress illi wahda mill-kondizzjonijiet espressi mill-Qorti ghal tali hlas ma kinitx ghadha tezisti.

Jirrizulta li fuq rikors ta' Frangeska Galea, mart l-appellant, tat-22 ta' Ottubru 2008 quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), dik il-Qorti b'digriet tat-30 ta' Dicembru 2008 ordnat "illi *pendent lite* Karmenu sive Charles Galea jghaddi lil martu Frangeska Galea s-somma ta' tliet mija u hamsin euro (€350) kull xahar, liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga ta' l-istess Charles Galea." L-appellant jippretendi li ghax ma baqax jahdem u allura ma kellux paga diehla, l-imsemmi digriet ma baqax aktar effettiv. Din il-Qorti ma taqbilx. Id-digriet kien wiehed li jipprovdi ghall-hlas ta' manteniment provvizorju. Dak l-ammont kellu jibqa' dovut sakemm ma jkunx hemm digriet iehor li jirrevoka jew ivarja d-digriet tat-30 ta' Dicembru 2008. L-ordni li l-manteniment jitnaqqas mill-paga kienet intiza ghall-finijiet ta' pratticita` u sabiex jigi assigurat li b'hekk ikun qieghed isir il-hlas. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Alfred Camilleri** deciz fit-18 ta' Settembru 2002:

**"… sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond'Awla jew digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonferma htija fejn 1-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma' tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti din il-Qorti, minflok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruhha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' digrieti jew sentenzi tal-Prim'Awla u tal-Qorti tal-Appell u digrieti tas-Sekond'Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."**

Jekk l-appellant kien jaf li se jispicca mix-xoghol, missu adixxa lill-Qorti Civili mill-ewwel biex id-digriet tal-manteniment jigi revokat jew varjat. Mhux talli m'ghamilx hekk talli, kif jirrizulta mid-Dok. CG1 esebit mill-appellant stess, intavola rikors fid-29 ta' Jannar 2010 meta huwa kien safa bla xoghol – kif jghid fl-istess rikors – "mix-xahar ta' Mejju 2009". Jigifieri ghal prattikament tmien xhur jew, jekk l-impjieg gie terminat f'Jannar 2009 – bhalma gie dikjarat fil-verbal li sar quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-

22 ta' Settembru 2010 – sena shiha, l-appellant ma ghamel xejn u halla l-pagamenti mensili tal-manteniment jakkumulaw.

Issa, fuq ir-rikors imsemmi tad-29 ta' Jannar 2010 fejn l-appellant talab ir-revoka *contrario imperio* tad-digriet tat-30 ta' Dicembru 2008, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) iddekretat hekk fis-6 ta' April 2010: "Tirrevoka kull digriet precedenti dwar manteniment u tordna lir-rikorrenti jghaddi lil martu l-ammont ta' tletin euro (€30) fil-gimgha." L-appellant jippretendi li minhabba tali revoka dak li kien diga` dovut m'ghadux aktar dovut. Ovvjament m'ghandux ragun. Id-digriet tas-6 ta' April 2010, galadarba ma pprovdiex biex ikollu effett retroattiv minn data li setghet tistabbilixxi l-Qorti, u kif del resto gieli ghamlet f'kazijiet ohra, kien qieghed jirrevoka d-digriet tat-30 ta' Dicembru 2008 b'effett mid-data tad-digriet tas-6 ta' April 2010 u minn dakinhar, cioe` mis-6 ta' April 2010, il-manteniment kellu jkun ta' tletin euro (€30) fil-gimgha. Sas-6 ta' April 2010, u sakemm ma jkunx hemm digriet tal-Qorti kompetenti li jghid il-kuntrarju, dak li kien dovut skond id-digriet tat-30 ta' Dicembru 2008 ghadu dovut. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid li din hi sproporzjonata meta jitqies li fiz-zmien relattiv l-appellant kien diga` spicca mix-xoghol u kwindi ma kellux paga diehla. Dan huwa minnu. Ghalkemm huwa minnu wkoll illi l-appellant ma agixxiex tempestivament sabiex igib din is-sitwazzjoni tieghu a konjizzjoni tal-Qorti. Ciononostante din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi u wara li rat il-fedina penali kompletament netta tieghu, hemm lok li tittratta ma' l-appellant mod iehor.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Carmel Galea xahar prigunerija u minflok, a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sena millum. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------